MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Rikors Numru. 1259/2002

**Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjobi numru 2069/02 fl-ismijiet :**

**Libyan Arab Airlines**

**vs**

**Joseph Zammit**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Jospeh Zammit fejn gie premess :

Illi b`digriet taghha tal-21 ta' Ottubru 2002, dina l-Onorabbli Qorti ordnat illi l-intimat jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu l-proprjetajiet immobbli, senjatament,

il-fond 120, Triq il-Hemel, Swieqi kif ukoll il-fond 26/1 St Anthony Building, St Anne Square, Floriana;

Illi preliminarjament in-nullita` tal-Mandat in kwistjoni. Illi l-ligi, senjatament l-Art. 873(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob illi f`kaz ta' hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, fir-rikors de quo ghandha ssir referenza specifika ghall-partikolaritajiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-identita` tal-persuna li kontriha jinhareg il-Mandat u li huma mehtiega mil-ligi dwar ir-registrazzjoni ta' trasferiment ta' haga immobbli minn dik il-persuna fir-Registru Pubbliku, u dana ai termini tal-provvediment tal-Kap 56 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-Mandat odjern ma jissodisfax din il-fomalita` kif rikjesta mil-Ligi u li hija intrinsika ghall-validita` tal-hrug ta' tali mandat, u kwindi, l-istess mandat ghandu jigi dikjarat null ghar-raguni msemmija;

Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-proprieta` li tinsab 26/1, St Anthony Buildings, St Anne Square,Floriana mhix proprieta` tal-intimat u lanqas tas-socjeta` Wings Cargo Limited, li semmai hija d-debitrici tas-socjeta` mittenti u kwindi l-istess socjeta` mittenti m`ghandha l-ebda jedd li zzomm din il-proprieta` milli tinbiegh meta l-istess proprieta` la hija tal-intimat fil-kwalita` tieghu personali u lanqas biss ma hija proprieta` ta' Wings Cargo Limited, is-socjeta` li maghha l-Libyan Arab Airlines ghamlet in-negozju;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti permezz tac-citazzjoni numru 1061/02GC huwa ta' Lm16,749 ammont ferm izghar mill-valur tal-proprjetajiet li taghhom l-intimat gie inibit milli jbiegh jew jitrasferixxi in forza tal-Mandat ta' Inibizzjoni in kwistjoni, u ghaldaqstant hemm lok li dan il-Mandat jigi revokat ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-

Ligijiet ta' Malta li jistipola illi Mandat jista' jigi revokat "jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu ….".

Illi fi kwalunkwe kaz, irid jinghad illi d-debitu pretiz mis-socjeta` Libyan Arab Airlines huwa naxxenti minn negozju li sar bejn is-socjet` Libyan Arab Airlines u Wings Cargo Limited, u mhux mal-intimat Joseph Zammit proprio;

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, d-drittijiet tas-socjeta` mittenti fil-konfront tal-ammont pretiz, u cioe`, ta' Lm16,749, diga` gew ampjament kkawtelati permezz ta' Madnat ta' Qbid Nru. 1867/02LM fejn gew maqbuda numru sostanzjali ta' oggetti kif jirrizulta mill-anness Dok JZ1 u dana oltre l-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1868/02. Illi dawn iz-zewg Mandati huma t-tnejn mahruga f`ismijiet Libyan Arab Airlines vs Wings Cargo Limited. Illi l-hrug ta' dawn iz-zewg mandat huma indikazzjoni cara jekk mhux prova ex admissis ta' min hija veramnet il-persuna li kontriha kellhom jittiehdu l-proceduri ghall-irkupru tal-ammont pretiz, u li l-hrug tal-mandat odjern huwa biss tentattiv sabiex issir pressjoni fuq l-intimat bil-ghan li jithallas debitu dovut minn entita` legali separata, distinta u indipendenti minnu;

Illi inoltre is-socjeta` Libyan Arab Airlines diga` qieghdet fiz-zgur il-kwalunkwe jedd illi din jista` jkollha kontra l-intimat, u dana permezz tal-Mandat ta' Sekwestru li jgib in-numru 2070/02, mahrug fl-ismijiet Libyan Arab Airlines vs Wings Cargo Limited u, ghalhekk, is-socjeta` mittenti diga ghandha garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjonijiet taghha, liema garanzija hija bizzejjed ghall-finijiet tal-pretenzjonijiet tal-istess socjeta` mittenti, u ghalhekk dan il-mandat ta' inibizzjoni huwa ingustifikat u eccessiv fil-konfronti tal-istess intimat;

Illi ghalhekk, il-hrug ta' dan il-mandat huwa ingustifikat, frivoluz u vessatorju, mhux biss minhabba li l-intimat fil-

kapacita` tieghu personali huwa estraneju ghall-proceduri odjerni, izda wkoll minhabba li s-socjeta` mittenti qieghdha wkoll tattakka proprieta` (26/1, St. Anthony Buildings, St Anne Square, Floriana) li la hija tal-intimat u wisq anqas ta' Wings Cargo Limited; kif ukoll minhabba l-fatt illi d-drittijiet tal-mittenti diga` gew kkawtelati permezz ta'zewg mandati ohra kontra d-debitur, u cioe, Wings Cargo Limited u mandat iehor kontra l-intimat Jospeh Zammit personali, u kwindi ma kienx hemm l-esigenza u lanqas il-basi legali ghall-hrug tal-mandat odjern fil-konfront ta' zewg proprietajiet ta' valur ferm oghla mill-kreditu ta' Lm16,749 illi diga` gie kkawtelat permezz ta' dawn il-mandati, u ghalhekk il-Mandat ghandu jigi revokat ai termini tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fid-dawl tas-suespost bir-rispett qieghed jinghad illi l-Mandat in kwisjtoni ma kellux jigi mahrug ab initio minhabba li oltre r-ragunijiet fuq premessi, ma kienx jidher li prima facie, kieku l-istess mandat ma kienx inhaeg, il-pregudizzju li kien jinholoq, ir-rikorrent ma kienx ikollu ebda rimedju ghalih;

Ghalhekk l-esponenti talab li dina l-Qorti tirrevoka u thassar l-Mandat bin-numru u fl-ismijiet fuq premessi, kif ukoll tornda l-hrug tal-kontromandat opportun, bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' Libyan Arab Airlines;

Rat ir-risposta tas-socejta' Libyan Arab Airlines fejn gie sottomess:

Illi dina l-Onorabbli Qorti pertmezz ta'digriet moghti fil-21 ta' Ottubru 2002 ordnat illi l-intimat Jospeh Zammit jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi intervivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu l-proprjetajiet

immobbli senjatament il-fond 120, Triq il-Hemel, Swieqi kif ukoll fil-fond 26/1, St Anthony Buildings, St Anne Square, Floriana.

Illi preliminarjament l-intimat fir-rikors tieghu 1259/02GC, talab b`referenza ghall-artikolu 873(8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, in-nullita` tal-mandat in kwistjoni u dan ai termini tal-provvediemtni tal-Kap 56 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi f`dan ir-rigward, is-socjeta` esponenti tirrileva illi fir-rikors taghha sabiex jinhareg il-mandat ta' inibizzjoni (2069/02) kontra l-intimat Joseph Zammit hija nizzlet il-partikolaritajiet mehtiega kif ukoll in-numru tal-karta tal-indentita` tal-intimat u minghajr pregudizzju ghas-suespost minn imkien ma johrog kif rikjest mill-intimat illi f`kaz li dawn il-formalitajiet ma jkunux sodisfatti l-istess mandat ghandu jigi dikjarat null;

Illi l-intimat jsostni fir-rikors tieghu illi l-proprjeta` li tinsab f`26/1, St Anthony Builidngs, St Anne Square, Floriana mhijiex proprieta` tieghu u lanqas tas-socjeta` Wings Cargo Limited;

Illi f`dan ir-rigward is-socjeta` esponenti tixtieq tirrileva li dan huwa mandat ta' inibizzjoni u mhux mandat ta' Qbid jew mandat ta' sekwestru, fis-sens li dan il-mandat jinibixxi lill-intimat Joseph Zammit milli jbiegh jew jittrasferixxi l-proprjeta` in kwisjtoni u ghalhekk jekk il-proprjeta` in kwistjoni mhijiex tieghu u lanqas tas-socjeta` Wings Cargo Limited, huwa m`ghandux ihossu aggravat b`tali mandat;

Illi l-intimat talab ir-revoka tal-mandat stante l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti huwa ta' Lm16,749 ammont ferm izghar mill-valur tal-proprjetajiet li taghhom l-intimat gie inibit milli jbiegh jew jittrasferixxi u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi f`dan ir-rigward is-socjeta` esponenti tirrileva li jezistu c-cirkostanzi ragjonevoli ghall-hrug ta' mandat in kwistjoni ai termini tal-artikolu 836 (1)(f) stante illi l-ammont pretiz ta' Lm16,749 mhux biss ilu dovut, izda l-intimat naqas mili jhallas l-ammont dovut stante diffikultajiet finanzjarji u

ghaldaqstant is-socjeta` esponent ghandha kull dritt li tikkawtela l-interessi taghha permezz ta' dan il-mandat stante li s-socjeta` esponenti tinsab infurmata li l-intimat qed jipprova jbiegh il-proprieta` imsemmija b`mod partikolari dik ta' St Anne'S Square, Floriana li fuqha hemm iwahhla t-tabella "For Sale";

Illi l-intimat fir-rikors tieghu ghamel riferiment ghall-mandati ta' Qbid numru 1867/02 u mandat ta' Sekwestru 1868/02 fl-ismijiet "Libyan Arab Airlines – vs – Wings Cargo Limited" u ghaldaqstant l-amont ta' Lm16,749 huwa dovut mis-socjeta` Wings Cargo Limited u mhux mill-intimat;

Illi l-intimat fir-risposta irreleva illi ma kien hemm esigenza u lanqas il-bazi legali ghall-hrug tal-mandat odjern stante illi s-socejta` rikorrenti ghandha garanzija ohra xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjonijiet taghha u cioe` permezz tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 2070/02 fl-ismijiet "Libyan Arab Airlines – vs – Wings Cargo Limited";

Illi s-socjeta` esponenti tirrileva illi hija ghandha d-dritt li tikkawtela l-kreditu taghha b`dawk il-mandati kawtelativi necessarji.  Is-somma ta' Lm16,749 mihijiex somma zghira u fic-cirkostanzi diga` msemmija fir-rikors bin-numru 2069/02, u f`dan ir-rikors ta' llum, is-socjeta` esponenti hija tal-fehma li hija ma eccedietx bil-passi li hadet sabiex tikkawtela l-kreditu taghha fil-konfront tal-intimat Joseph Zammit. Fid-dawl tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz  huwa zgur illi dan il-mandat mhuwiex ingustifikat, frivoluz, u vessatorju kif minflok allegat fir-rikors tal-intimat;

Illi fid-dawl tas-suespost is-socjeta` esponenti bir-rispett tghid li kellha kull dritt li tikkawtela l-kreditu taghha permezz ta' dan il-mandat fl-ismijiet premessi u li jezistu prima facie dawk ir-ragunijiet sabiex l-istess mandat jinhareg kif gja dekretat mill-istess Onorabbli Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2002;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet msemmija hawn fuq is-socjeta esponenti talbet li dina l-Qorti tikkoferma l-Mandat

bin-numru u fl-ismijet fuq premessi, bl-ispejjez kollha kontra l-intimat Joseph Zammit;

Rat l-atti l-ohra tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet lir-rikorrenti Josph Zammit bil-gurament;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2003 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li bhala konsegwenza tal-varji mandati li saru kontra r-rikorrenti personalment mis-socjeta intimata la gew depositati xi flejjes that l-awtorita' tal-Qorti u lanqas inqabdu xi hwejjeg;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu 2003;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorenti Joseph Zammit jghamel referenza ghal-mandat ta' inibizzjoni numru 2069/02 fl-ismijiet "Libyan Arab Airlines vs Joseph Zammit" li s-socjeta intimata Libyan Arab Airlines ottjeniet kontra tieghu b`digriet tal-21 ta' Ottubru 2002. B'dan il-mandat ir-rikorrenti gie inibit milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu l-fond 120, Triq il-Hemel, Swieqi u l-fond 26/1 St Anthony Building, St Anne Square, Floriana;

F'dan il-mandat l-imsemmija socjeta intimata Libyan Arab Airlines tippretendi li r-rikorrenti personalment hu debitur taghha peress li l-istess rikorrenti misappoprja s-somma ta' Lm16,749 appartenenti lilha meta huwa bhala l-uniku dirigent u proprjetarju tas-socjeta Wings Cargo Limited gabar minnghand terzi l-prezz ta' diversi airway bills mahruga mis-socjeta intimata. Ir-rikorrenti, dejjem skond is-socjeta intimata, indebitament zamm dawn il-flus bi profitt ghalih wara li huwa dolozament naqas milli jroddhom lura lis-socjeta intimata. L-istess socjeta tippretendi ukoll li dan l-agir tar-rikorrenti huwa wiehed

kriminali u abusiv u skond il-ligi jgib responsabilita personali tal-istess rikorrenti;

Ghalhekk jirrizulta li s-socjeta intimata tippretendi li ghandha tiehu somma minnghand is-socjeta Wings Cargo Limited. L-istess socjeta intimata inoltre qed tippretendi li r-rikorrenti personalment hu debitur taghha ukoll peress li huwa, bhala l-uniku direttur tal-imsemmija socjeta debtitrici, mmisaproprja ruhhu mill-istess somma;

Is-socjeta intimata Libyan Arab Airlines ghandha kull dritt skond il-ligi li tikkawtela dawn il-pretensjonijiet taghha u dana bil-mezzi li tatiha l-istess ligi fosthom li tottjeni l-hrug ta' mandati kawtelatorji inkluz mandati ta' inibizzjoni bhal dak in kwestjoni. Hu ovvju ukoll li s-socjeta intimata tassumi r-responsabilitajiet taghha wara l-hrug tal-mandat in kwestjoni b'mod partikolari jekk eventwalment jirrizulta li s-socjeta intimata ma pprovatx b'mod sufficjenti l-pretensjonijiet taghha kontra r-rikorrenti personalment;

In effett in vista ta' dawn il-pretensjonijiet is-socjeta intimata ottjeniet il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni in kwestjoni kontra r-rikorrenti personalment;

Ir-rikorrenti, f'dawn il-proceduri, qed isostni, fl-ewwel lok, li l-imsemmi mandat hu null. F'dan ir-rigward huwa jghamel referenza ghal provedimenti tal-artikolu 873(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jipprovdi li fil-kaz tal-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal dan in kwestjoni r-rikors ghandu ikun fih il-partikolaritajiet kollha tal-persuna li kontra taghha qed isir il-mandat, liema partikolaritajiet huma rikjesti mill-ligi dwar ir-registrazzjoni ta' trasferiment ta' immobli. Dejjem f'dan ir-rigward ir-rikorrenti ghmel referenza ghal-provedimenti tal-Kap.56 tal-Ligijiet ta’ Malta u ssottometta li l-mandat in kwestjoni ma jissodisfax din il-fomalita` u kwindi, skond ir-rikorrenti, l-mandat hu null;

Hu evidenti li l-Qorti li ddecidiet favur il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni in kwestjoni kkonsidrat dak kollu li kellha tikkonsidra u finalment deherilha li t-talba ghal hrug tal-mandat kellha r-rekwisiti kollha li trid il-ligi sabiex l-istess talba tigi akkolta. Dan ir-rikors hu bbazat fuq il-provedimenti tal-artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi b'mod specifiku liema huma r-ragunijiet li jistghu jwasslu ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju skond l-istess artikolu. Dawn is-sottomissjonijiet ma jinkwadraw fl-ebda wahda minn dawn ir-ragunijiet u ghalhekk din is-sottomissjoni tar-rikorrenti ma tistax tigi konsidrata. Semmai sottomissjoni bhal din kellha ssir fi proceduri ohra appositi;

Ir-rikorrenti dejjem f'dan ir-rikors jissottometti li l-proprjeta tal-Floriana mhux proprieta` tieghu. Mill-provi prodotti dan jidher li hu l-kaz. Hu evidenti li la darba l-imsemmija proprjeta mhux tar-rikorrenti l-mandat hu ineffikaci fil-konfront tal-fond tal-Floriana ghar-rigward tar-rikorrenti personalment;

Ir-rikorrenti jghamel referenza ghal fatt li l-ammont li qed tippretendi s-socjeta intimata huwa ferm izghar mill-valur tal-proprjetajiet in kwestjoni. u ghalhekk skond ir-rikorrenti dan il-Mandat ghandu jigi revokat ai termini tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li att kawtelatorju jista' jigi revokat "jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh" l-istess att kawtelatorju jew parti minnu;

Ma jirrizulta xejn irregolari f'dan ir-rigward. Is-socjeta intimata ghandha kull dritt li tottjeni l-hrug ta' mandat bhal dak in kwestjoni ovvjament bir-responsabilta kollha skond il-ligi. Ghandu jigi konsidrat ukoll li jidher li l-mandat in kwestjoni hu ineffikaci fil-konfront ta' wahda mill-proprjetajiet in kwestjoni u ghandu jigi konsidrat ukoll dak li gie dikjarat mill-partijiet fil-kors tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2003 u cioe' li bil-mandati l-ohra kawtelatorji li saru mis-socjeta intimata kontra r-rikorrenti personalment ma nqabad xejn;

Hu ovvju ukoll li f'dan l-istadju mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tiddeciedi jekk effettivament ir-rikorrenti hux responsabbli personalment fil-konfront tas-socjeta intimata;

Id-difensuri tar-rikorrenti meta ttrattaw oralment dan ir-rikors ssottomettew li dan il-mandat ghandu jigi revokat dejjem a bazi tal-imsemmija provedimenti tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta peress li gia sar konvenju sabiex il-fond tas-Swieqi, li hu kolpit minn dan il-mandat ta' inibizzjoni u li hu proprjeta tar-rikorrenti personalment jinbiegh lill terzi. Huma ssottomettew li jekk ma jigix revokat dan il-mandat id-drittijiet tar-rikorrenti, kif ukoll dawk tas-socjeta intimata ser jigu ppregudikati irrimedjabilment. Dana in vista li jidher li hemm bank li jvanta kontra r-rikorrenti personalment krediti privileggjati li jinvolvu ukoll l-imsemmi fond tas-Swieqi. L-istess bank jidher li rriserva d-dritt li jghaddi ghall-bejgh bis-subasta f'kaz li jkun hemm xi terz li jistitwixxi xi azzjonijiet kontra ir-rikorrenti personalment kemm b'mod kawtelatorju kif ukoll ezekuttivament. Ghalhekk hu importanti li r-rikorrenti jkun f'posizzjoni li jaddivjeni ghall-kuntratt ta' bejgh tal-fond fis-Swieqi skond l-imsemmi konvenju. Ir-rikorrenti ssottometta li huwa ottjena l-kunsens tal-bank in kwestjoni li parti mill-prezz li ser jithallas mit-terz isservi sabiex is-socjeta intimata tithallas in parti mill-kreditu shih minnha vantat. Ghalhekk f'dan ir-rigward ir-rikorrenti qed jghid li l-mandat ta' inibizzjoni in kwestjoni ghandu jigi revokat peress li fic-cirkostanzi mhux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-istess att kawtelatorju;

Ir-ragjonevolezza li ghaliha jirreferi dan l-artikolu ma tistax tkun soggetiva biss ghal parti wahda, f'dan il-kaz ir-rikorrenti. Jidher li s-socjeta intimata valutat din is-sitwazzjoni u ghaliha hu ragjonevoli li l-mandat jibqa fis-sehh. F'dan ir-rigward ghandhom jirrizultaw kriterji li ogettivament irendu c-cirkostanzi tali li ma jkunx ragjonevoli li f'dawk l-istess cirkostanzi l-mandat jibqa fis-sehh;

Fid-dawl ta' dana kollu t-tabiet tar-rikorrenti ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti Joseph Zammit;

Spejjez kontra r-rikorrenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------